31989R1585

8.6.1989 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 156/18

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1585/89 tas-7 ta' Ġunju 1989 dwar il-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1495/89 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tieghu,

Billi sabiex tiġi assigurata applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-klassifika ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 iffissa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hi totalment jew parzjalment bażata fuqha jew li żżid magħha suddiviżjonijiet addizzjonali u li hija mwaqqfa b'disposizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bl-iskop ta' l-applikazzjoni ta' tariffa jew miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu man-negozju ta'oġġetti;

Billi, sussegwenti għall-imsemmija regoli ġenerali,l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu klassifikati taħt il-kodiċi NM xieraq muri fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet imniżżla fil-kolonna 3;

Billi l-miżuri li hemm stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma b'hekk klassifikati fin-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċi NM xieraq muri fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta'Ġunju 1989.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, pġ. 1.
[2] ĠU L 148, ta' l-1.6.1989, pġ. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifika ta' kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Xama' sintetika tal-pitrolju li għandha piż molekulari ta' mhux anqas minn 460 u mhux aktar minn 1 560 li għandha f'piż anqas minn 0,75 % ta' żejt	2712 20 00	Klassifika hija stabbilita bid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u t-test ta' kodiċijiet NM 2712 and 2712 20 00. (Ara wkoll noti spjegattivi għall-kodiċi NM 2712 20 00)